MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 395/2013

**O.W. Bunker Malta Limited**

**vs**

**Sea Montauk Navigation Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-23 ta’ April 2013 li jghid hekk:
1. Illi s-socjeta intimata hija proprjetarja tal-bastiment merkantili m.v. MONTAUK li ghandu n-numru tal-IMO 931036, registrat hawn Malta bin-numru ufficjali 09794 - Dok. "A".

2. Illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta intimata ghall-ammont ta' mija u wiehed u hamsin elf (USD 151,000) ghall-provvista ta' bunkers, imghaxijiet u spejjez,

oltre imghaxijiet u spejjez ohra, rigwardanti l-fattura hawn annessa bhala Dok. "B" kif ukoll il-bunker receipts relattivi Dok. "C1" u Dok. "C2".

3. Illi l-kreditu tas-socjeta rikorrenti jaqa' taht is-subartikolu (10)(iv) u/jew (v) tal-artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili [Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta].

4. Illi a tenur tal-imsemmi artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti tista' tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih.

5. Illi r-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti ikkomunikaw mas-socjeta intimata dwar din il-kwistjoni, izda minghajr success.

6. Illi sa fejn taf is-socjeta rikorrenti l-uniku assi tas-socjeta intimata huwa l-imsemmi bastiment merkantili m.v. MONTAUK registrat hawn Malta, u jekk is-socjeta intimata kellha tbiegh jew titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, jew inkella tikkostitwixxi xi mortgages fuq l-istess, il-kreditu tas-socjeta rikorrenti jigi eluz.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(i) Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment merkantili m.v. MONTAUK u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment; kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati xi "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu taht dawk il-partijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors konguntiv li qed jigi ppresentat ghall-hrug ta' ordni provisorja, kontra s-socjeta intimata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata fis-7 ta’ Mejju 2013 pero ma dehritx ghas-seduta tat-28 ta’ Mejju 2013;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Mejju 2013 u semghet lil Dr. Carmel Chirop li kkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut;

**Decide**

Billi l-Qorti hi sodisfatta prima facie illi l-premessi tas-socjeta attrici jiggustifikaw it-talbiet maghmula u ma rrizultax illi s-socjeta attrici ghandha d-drittijiet pretizi taghha mod iehor assikurati;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment merkantili m.v. MONTAUK u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment; kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta; u fit-termini tal-provvedimenti tal-istess artikolu tali ordni tigi notifikata mill-attur lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------